**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

**Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn ir-razez ...**
**Għarfien dwar is-sitwazzjoni tal-minoritajiet etniċi u l-akkomodazzjoni**

Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn ir-razez kienet l-għan ewlieni ta' proġett ko-finanzjat mill-UE implimentat matul din is-sena mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE). JUST/2011/PROG/AG/1902 ***M'iniex Persuna Razzista, Imma...*** kien proġett ko-finanzjat mill-fondi PROGRESS tal-UE. L-*Agency for the Welfare of Asylum Seekers* (AWAS), il-*Jesuit Refugee Service (JRS) Malta* u l-*United Nations High Commissioner for Refugees (UNHCR) Malta* kienu msieħba f'dan il-proġett.

Fil-ftuħ ta' konferenza li temmet dan il-proġett, il-Kummissarju tal-NCPE s-Sra. Maud Muscat spjegat l-iskop ta' din il-Konferenza li hu li jkunu diskussi l-attivitajiet li saru permezz tal-inizjattiva *M'iniex Persuna Razzista, Imma...* u biex minn dawn l-attivitajiet ikunu identifikati modi li permezz tagħhom ikun hemm promozzjoni aktar effettiva kontra r-razziżmu.

Fl-indirizz tiegħu, il-Ministru għall-Ġustizzja, Djalogu u Familja Dr Chris Said qal li permezz tal-proġett *M'iniex Persuna Razzista, Imma...* l-NCPE kompliet toħloq għarfien u tagħmel żviluppi fil-qasam tal-ugwaljanza. Il-Ministru Said semma kif l-attivitajiet tal-proġett laqqgħu lil immigranti u gruppi ta' komunitajiet etniċi minn diversi pajjiżi ma' persuni li jaħdmu u jipprattikaw fil-qasam tal-ugwaljanza u għalhekk issaħħaħ il-qsim ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom u x'għandhom jagħmlu biex dawn id-drittijiet ikunu rispettati kif ukoll biex isemmgħu leħinhom meta jesperjenzaw xi każ ta' diskriminazzjoni.

Wara preżentazzjoni tal-attivitajiet ewlenin ta' *M'iniex Persuna Razzista, Imma...* li saret mill-Koordinatur tal-Proġett is-Sra. Francesca Dayal, kienu ppreżentati r-riżultati ta' studju dwar immigranti u gruppi ta' minoritajiet etniċi u l-akkomodazzjoni f'Malta. Ir-Riċerkaturi s-Sra. Marika Fsadni u Dr Maria Pisani spjegaw kif ir-riċerka kwalitattiva daħlet fl-esperjenzi tal-minoritajiet etniċi meta jiġu biex ifittxu akkomodazzjoni f'Malta u t-tħassib tas-sidien tal-proprjetà u r-rappreżentanti tagħhom. Kien spjegat li d-diskriminazzjoni fl-akkomodazzjoni tista' sseħħ billi individwu jew grupp, b'mod dirett jew indirett, ikun imċaħħad mid-dritt li jixtri jew jikri akkomodazzjoni, abbażi tar-razza, l-etniċità jew il-kulur tal-ġilda. Għalhekk, ir-riċerka turi diversi eżempji ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta li sseħħ fl-akkomodazzjoni f'Malta.

Dr Neil Falzon, li mexxa erba' sessjonijiet ta' taħriġ lill-komunitajiet Afrikani qal li kważi 140 persuna minn dawn il-komunitajiet Afrikani li jgħixu f'Malta kienu mħarrġa fuq diversi suġġetti. L-għan ewlieni ta' dan it-taħriġ kien li permezz tiegħu tingħata s-setgħa lill-komunitajiet Afrikani f'Malta biex jipparteċipaw b'mod aktar attiv fl-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni li għandha x'taqsam mat-trattament u d-diskriminazzjoni.

Dan il-proġett qed isir bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea
Programm għal Impiegi u Solidarjeta` Soejali -
PROGRESS (2007-2013)
Dan il-programm qed jigi implimentat mill-Kummissjoni
Ewropea.

L-evalwatur estern, il-Prof. Suzanne Gatt, elenkat riċerka dwar is-sitwazzjoni ta' immigranti u gruppi ta' minorità etnika li saret qabel ma sar dan il-proġett, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkomodazzjoni kif ġiet riċerkata f'dan il-proġett.

Fi tmiem il-konferenza, id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE Dr Romina Bartolo, tenniet ir-rwol tal-NCPE li kontinwament jinħoloq għarfien dwar l-ugwaljanza bejn ir-razez bil-għan li tingħata aktar is-setgħa lill-persuni dwar id-drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' diskriminazzjoni f'diversi sferi ekonomiċi u soċjali.

Għal aktar informazzjoni agħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2590 3850 jew equality@gov.mt

**It-Tnejn 17 ta' Diċembru, 2012**

Dan il-proġett qed isir bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea
Programm għal Impiegi u Solidarjeta` Soejali - PROGRESS (2007-2013)
Dan il-programm qed jigi implimentat mill-Kummissjoni Ewropea.